MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## DOREEN CLARKE

Seduta ta' l-4 ta' Awwissu, 2012

Numru. 801/2012

**Il-Pulizija**
**(Spettur Joseph Agius)**

**-vs-**

**Christopher Mifsud**

Il-Qorti

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Christopher Mifsud, li ghandu 24 sena, iben Paul u Maria Dolores nee' Chircop, imwieled Pieta nhar il-11 ta' Marzu, 1988 u li joqghod 44 Triq Santa Katerina Qormi u detentur ta' karta ta' l-identita' numru 143188M.

Akkuzati talli nhar it- 2 ta'Awissu 2012 , ghall-habta ta' 19.15 hrs fi Triq Manwel Dimech Qormi bi vjolenza, ikkommetta serq ta' gizirana tad-deheb li tiswa il-fuq minn €23.29 u inqas minn €2,329.37 minn fuq anzjan ta' 70

sena Joseph Block minn Hal Qormi, liema serq huwa ikkwalifikat bil-persuna, bil-valur u bil-vjolenza.

Akkuzat ukoll talli fl-istess jum, lok u cirkustanzi laqa' ghandu hwejjeg misruqa li gew ghandu b'qerq kemm jekk sar f'Malta jew barra minn Malta meta dan kien jaf li kienu gejjin minn serq.

Akkuzat ukoll talli fl-istess jum, lok u cirkustanzi ghamel griehi ta' natura hafifa fuq il-persuna tal-anzjan Joseph Block kif iccertifika Dr. Stephanie Azzopardi (Reg no3369) tac-centru tas-sahha tal-Furjana.

U aktar talli kiser il-kundizzjonijiet tal-liberta' provizorja imposta mill-Qorti preseduta mill-Magistrat Dr Tonio Micallef Trigona LL.D fis-26 ta'April 2012, f'dan li ma jikkommettiex delitt iehor ta' natura volontarja waqt li jkun mehlus mill-arrest u dan taht garanzija personali ta' €2,000, fost kundizzjonijiet ohra, kif ordnat li jaghmel mill-istess Qorti u dan bi ksur ta' l-artikolu 579(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Il-Qorti giet mitluba biex titratta ma' Christopher Mifsud bhala li huwa ricediv ai termini ta' l-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, b'sentenzi li saru definittivi u li ma jistghux jigu mibdula.

Il-Qorti giet mitluba wkoll sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat ghall-hlas ta' spejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-artikoli 49, 50, 261(a)(c), 262, 267, 221, 289, 328(d), 334 u 579 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li waqt l-udjenza mizmuma llum minn din l-Qorti bhala Qorti Struttorja l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu hlif ghat-tieni wahda dwar ricettazzjoni, u kkonferma din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu.

Rat id-dokumenti esebiti.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu hlif ghat-tieni wahda; dawn ghalhekk huma sodisfacjentement pruvati.

Illi t-tieni imputazzjoni, cioe dik dwar ricettazzjoni, hija alternattiva ghall-ewwel imputazzjoni dwar serq li giet ammessa mill-imputat; il-Qorti ghalhekk ser tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tieni imputazzjoni.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni min-naha n-natura tar-reati li taghhom qed jinstab hati l-imputat inkluz dak ta' serq bi vjolenza fuq anzjan ta' sebghin (70) sena u l-fedina penali tieghu. Min-naha l-ohra l-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-koperazzjoni ta'l-imputat mal-pulizija, u l-ammissjoni f'l-aktar stadju bikri ta' dawn il-proceduri.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, fil-waqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tieni imputazzjoni migjuba kontra l-imputat, wara li rat l-artikoli 49, 50, 261(a)(c), 262, 267, 221, 289, 328(d) u 579, fuq ammissjoni ssib lill-imputat Christopher Mifsud hati ta'l-imputazzjonijiet l-ohra kollha migjuba kontra tieghu u tikkundannah tnejn u erbghin (42) xahar prigunerja. Il-Qorti qed tilqa t-talba ta'l-prosekuzzjoni dedotta fic-citazzjoni u tirrevoka l-helsien mill-arrest mghoti lill-imputat permezz ta' degriet tas-26 ta' April 2012 pero mhux qed tilqa t-talba in kwantu tirreferi ghat-telfin u konfiska tal-garanzija personali.

**< Sentenza Finali >**

----------------------------------TMIEM----------------------------------